MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2015

Appell Kriminali Numru. 363/2014

Il-Pulizija

vs

**Leanne Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata Leanne Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fix-xhur ta' qabel l-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) f'dawn il-gzejjer u/jew bejn l-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) u t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) fil-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta u/jew f'partijiet ohra f' dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna u cioe' lil Emanuel Camilleri, akkuzat lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn (2), filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li tkun akkuzatu;
2. talli tat xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt sugett ghall-piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn (2), sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkuzata u cioe' Emanuel Camilleri;
3. talli fl-istess zmien u cirkostanzi tat xhieda falza f'materja civili;

4. talli halfet il-falz quddiem imhallef, magistrat u/jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament meta l-gurament kien mehtieg mil-ligi, jew ordnat b'sentenza u/jew b'digriet ta' wahda mill-Qrati ta' Malta;

5. talli bil-qerq halqet jew gielghet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra u cioe' Emanuel Camilleri, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

6. talli iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella b'qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hatja sservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Settembru, 2014 fejn il-Qorti fil-waqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel imputazzjoni, tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghall-fatti li graw qabel is-7 ta' Jannar 2008, tal-hames imputazzjoni u tas-sitt imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 18, 104, 106 u 108 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni in kwant tirreferi ghal fatti li sehhew mis-7 ta' Jannar 2008, tat-tielet imputazzzjoni u tar-raba' imputazzjoni u b'applikazzjoni ta'
l-artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta poggiet lill-imputata taht ordni ta' probation u servizz ghal perjodu ta'tlett (3) snin b'obbligu li taghmel mitt (100) siegha servizz fil-kommunita, dan bil-kondizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti applikat l-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-imputata sservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun u dan ghal perjodu ta' ghaxar snin. Peress li ma jirrizultax li gew nominati esperti u/jew periti fil-kors ta'l-inkjesta mizmuma, u lanqas ma gew nominati esperti u/jew periti fil-kors tal-proceduri odjerni l-Qorti

astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni ghal kundanna ghall-hlas ta’ spejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tal-1 ta’ Ottubru, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tghaddi sabiex tiddisponi minn dan il-kaz skont il-ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.
Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fid-dsatax (19) ta’ Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), l-esponent Avukat Generali rcieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, l-atti tal-procedura fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b’mod car u manifest u dana gharraguni li l-esponent umilment ihoss li fid-dawl tac-cirkostanzi ferm partikolari tal-kaz, id-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti li taccetta ammissjoni tal-imputata hija manifestament **unsafe and unsatisfactory**, u tenut kont il-fattispecie tal-kaz u ta’ dak li ser jigi espost aktar ‘l isfel f’dan l-umli rikors, kien ikun ghalqli illi *ai termini* tal-Artikolu 392(A)(3)[1] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tghaddi biex tisma’ l-provi u dan fl-ahjar interess tal-gustizzja, stante li l-ammissjoni ta’ Leanne Camilleri ma hija konsistenti xejn u setghet facilment kienet kundizzjonata minn fatturi esterni.

Illi *ai termini* tal-Artikolu 392(A)(1)[2] tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta jsir l-ezami tal-imputat u tigi registrata ammissjoni, il-Qorti trid issegwi dak ir-rit li trid il-ligi u cioe’ ghandha mbaghad tghaddi biex tati zmien xieraq lill-imputat sabiex jerga’ jahsibha u huwa biss jekk l-imputat jerga’ jtenni dik l-ammissjoni tieghu li l-Qorti tista’ tghaddi ghas-sentenza u dan sabiex jigu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-akkuzat. F’dan ir-rigward il-Qrati taghna f’diversi okkazjonijiet tennew illi sabiex jigu applikati d-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 392(A)(1), l-ammissjoni tal-imputat trid tkun wahda **cara, volontarja** u **inkondizzjonata** tant li n-nuqqas ta’ osservanza ta’ dawn il-formalitajiet iwassal ghan-nullita’ tas-sentenza.

---

[1]392(A)(3) Iżda, meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew ’l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu ħati.

[2] Jekk l-akkużat, bi tweġiba għall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b) u fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat u l-imsemmi reat ikun suġġett għal piena ta’ mhux aktar minn għaxar snin priġunerija, il-qorti twissih b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-tweġiba, u tagħtih ftit taż-żmien biex jerġa’ lura minnha.

Illi kwindi galadarba jkun hemm ammissjoni li tissodisfa dawk ir-rekwiziti li trid il-ligi u dik l-ammissjoni ma tigix ikkontestata bhala l-frott ta' xi zball jew malintiz, bhala regola l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-provi biex tara jekk l-imputazzjonijiet jirrizultawx sodisfacentement ippruvati u dan peress illi l-ammissjoni tal-imputat tigi meqjusa bhala l-aqwa prova tal-htija tal-akkuzat. Izda f'kazijiet fejn il-Qorti thoss li ghandha dubji dwar jekk l-ammissjoni hekk kif registrata mill-imputat tkunx wahda veritiera, volontarja u kkondizzjonata u cioe' kemm –il darba l-Qorti ma tkunx komda u moralment konvinta jekk ir-reat kienx tassew maghmul jew jekk l-akkuzat hux tasssew hati, *ai termini* tal-Artiklu 392(A)(3) tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ghandha l-fakulta' li tordna li l-proceduri jkomplu jitmexxew bhallikieku l-imputat ma wegibx li hu hati.

Ili b'kull dovut rispett, l-esponent ma jistax jifhem kif l-ewwel Onorabbli Qorti strahet b'ghajnejha maghluqa fuq l-ammissjoni ta' Leanne Camilleri f'cirkostanzi fejn fid-dawl tar-retroxena li wasslet ghal din l-ammissjoni l-Qorti oggettivament kellu jkollha **raguni tajba** sabiex tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 392(A)(3) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tibqa' ghaddejja bis-smigh tal-provi sabiex jintefa' dawl iktar car fuq il-kaz in kwistjoni u b'mod specjali fuq l-ammissjoni ta' htija. B'kull dovut rispett, jekk hemm kaz u/jew cirkostanzi fejn Qorti kellha tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392(A)(3), dan il-kaz jinkwadra ruhhu bhala 'textbook case'.

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-imputata dejjem baqghet ittenni l-istess verzjoni ta' fatti[3] ossia li missierha Emanuel Camilleri kien ikkorrompieha u il-konsistenza u il-kredibilita' taghha bhala xhud giet ikkonfermata wkoll mis-*psychometric tests* li saru fuqha hekk kif jinsab a fol. 27-28 tal-atti processwali. Leanne Camilleri baqghet ittenni l-verzjoni originali tal-fatti sahansitra meta xehdet fl-Inkjesta Magisterjali quddiem il-Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera. Mix-xhieda li taw diversi nies fl-imsemmija inkjesta jirrizulta li Leanne Camilleri hija tfajla kemmxejn vulnerabbli in kwantu facilment suxxettibli ghal kull tip ta' pressjoni psikologika. F'dan ir-rigward l-esponent umilment jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ghax-xhieda li ta Luke Camilleri[4] fl-Inkjesta Magisterjali fejn semma' kif ohtu kienet vittma ta' pressjoni psikologika f'diversi okkazjonijiet fosthom isemmi il-pressjoni tan-nanniet paterni fejn dawn weduha mobile phone kemm –il darba hija tirtira l-akkuzi kontra missierha kif ukoll il-pressjoni ta' oht ommha li weheditha xi flus sabiex ukoll

[3] Vide xhieda fl-inkjesta tal-Ispettur Louise Calleja a fol. 27 tal-atti processwali.

[4] Vide fol 33 et. seq tal-atti processwali.

tirtira l-proceduri kontra Emanuel Camilleri. Mill-banda l-ohra Leanne Camilleri tirrakonta fix-xhieda taghha, senjatament a fol. 122-124 tal-atti processwali, li n-nanna materna u ommha baqghu jippressawha sabiex ittenni dik il-verzjoni illi wasslet sabiex jinbdew proceduri penali kontra Emanuel Camilleri. Ta' min jinnota illi dan kollu kien qieghed jigri fl-isfond ta' rapporti familjari difficli u fi zmien meta persuna ghaziza ghal Leanne Camilleri u cioe' huha Luke Camilleri kien qieghed imut. Ma jistax ma jissemmix ukoll l-interess li hadet il-media fil-kaz in kwistjoni liema interess *a sua volta* wkoll seta' ghamel pressjoni fuq l-imputata u ghaldaqstant facilment seta' kellu influenza fuq l-ammissjoni taghha.

Illi f'dan ir-rigward hija wkoll ta'rilevanza x-xhieda ta' SM 300 Alfred Abela[5], PS 14 Clayton Fiteni[6] u ta' WPC 77 Joanne Mamo[7] fejn xehdu fuq l-istat mentali kommozzjonali ta' Leanne Camilleri meta fuq ordni tal-Magistrat Inkwirenti, wara li nstemghet xhieda li tefghet dawl gdid fuq il-kredibilita' tal-imputata, l-imputata ttiehdet il-lock up tal-Pulizija fejn thalliet wahidha fi stat ta' ansjeta' kbira u fejn giet imwissija li sakemm ma tghidx il-verita' ma setghetx tigi rrilaxxjata u dan hekk kif jirrizulta mix-xhieda a fol. 118 et seq. tal-atti processwali:

> F'dak il-hin, kellimni s-Surgent PS 14 li qalli li hass li Leanne kienet tidher li trid tghidilna xi haga u qal jekk inzommuha hawnhekk u forsi nkellmuha aktar 'il quddiem, abbli tammetti li mhux vera missierha abbuza minnha.
>
> Kif dahlet goc-cella staqsietni x'kien gara u ghalfejn kont qed narrestaha u jiena ghidtilha li min meta hi xehdet fl-inkjesta quddiem il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera, kien hemm hafna zviluppi.../...Hi bdiet tibki hafna, tonfoh u tghoxa u tghid li ma tridx tmur il-habs u jiena wegibtha li hi kulma riedet tghid hija l-verita'.../..F'dak il-hin hallejtha c-cella wahidha u hrigt barra u lill-personnel tal-lock up ghidtlu li jekk jinzel l-Ispettur Sandro Camilleri taf tammetti.

---

[5] ''Hi bdiet tibki hafna, tolfoq u tghoxa u tghid li ma tridx tmur il-habs u jien wegibtha li hi kulma riedet tghid hija l-verita''-vide fol. 118 tal-atti processwali.

[6] ''Dak il-hin bdiet tibki u tippanikja, obdietna mill-ewwel u morna bil-karozza sal-lock up''-vide fol. 119 tal-atti processwali.

[7] ''Bdiet tibki hafna tant li emozjonat anke lilna''- vide fol. 121 tal-atti processwali.

Kwindi huwa ferm ragonevoli t-thassib tal-esponent li fl-isfond ta' dan kollu, l-ammissjoni ta' Leanne Camilleri ma kinetx wahda cara, ikkondizzjonata u volontarja hekk kif trid il-ligi anzi hija manifestament unsafe and unsatisfactory. Ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi kien ikun iktar ghaqli, tenut kont is-suespost, li kieku l-ewwel Onorabbli Qorti pprocediet bis-smigh tal-provi daqslikieku l-imputata ma kienet irregistrat l-ebda ammissjoni ta' htija. B'hekk, almenu l-Qorti kien ikollha l-konfort li tara jekk il-provi jikkoraborawx l-ammissjoni dubjuza tal-imputata.

Illi jirrizulta li l-imputata ghaddiet minn diversi esperjenzi f'hajjitha li setghu affetwawha psikologikament u ghaldaqstant l-esponent huwa wkoll tal-umli fehma illi f'dan l-istadju, strettament minghajr pregudizzju ghall-mertu ta' dan l-appell, kemm –il darba din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha hekk taghmel, tordna perizja psikjatrika u dan sabiex jigi mistharreg l-istat mentali ta' Leanne Camilleri fil-mument li hija ghamlet ammissjoni u jekk tabilhaqq tali ammissjoni kienet ivvizjata.

Rat ir-risposta tal-appelata Leanne Camilleri u cioe' :-

1. Illi Preliminarjament subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari indikata hawn fuq, l-esponenti qieghda tissolleva n-nullita` radikali ta' l-appell ta' l-Avukat Generali in kwantu d-dispozizzjoni tal-Ligi li tikkontempla liema huma r-ragunijiet moghtija mill-Ligi meta jista jsir appell mill-Avukat Generali, senjatament l-Artikolu 413 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward ta' procedure sommarji ghal reati li jaqghu that il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati, ma jsemmix appell minn sentenza ta' htija, hlief fil-kaz ta' appell mill-piena inflitta.

1.1 Illi Fil-kaz prezenti, l-Avukat generali qed jappella mis-sejbien ta' htija u qed jitlob it-thassir tad-dikjarazzjoni ta' htija (meta la l-imputata u l-anqas l-avukat difensur taghha ma ressqu xi kontestazzjoni dwar is-sejbien ta'htija).

1.2 Ghalhekk, il-Ligi ma taghtix dritt ta' appell lill-Avukat Generali huwa irritu u null ghal dina r-raguni addizzjonali.

2. Illi l-fatti kif esposti mill-Avukat Generali lanqas ma jirriflettu l-attwalita u huma biss verzjoni surreali kkreata bl-intiza li tkompli tikkumplika u tiggrava c-cirkostanzi sfortunati lis

abet ruhha fihom l-imputata;

2.1 Illi dan l-Appell huwa wiehed li fin-natura tieghu huwa mhux biss frivolu, izda mimli inezattezzi u kif ukoll surrealtajiet li donnu l-Avukat Generali biss jaf bihom u hu konvint bihom;

2.2 Illi l-appellata thossha tassew aggravata bil-mod kif tfassal dan l-appell u kif ukoll bil-kontenut tieghu, li qisu ghal darb'ohra jipprezenta ruhu bhala attentat iehor li jipprova jippregudika l-verzjoni taghha tal-fatti;

2.3 Illi l-appellata hija tfajla sfortunata, vittma ta' cirkostanzi sfortunati li hassrulha tfulijta, zghozijta, hajjitha, r-relazzjonijiet familjarji taghha; il-prospett li hi jkollha familja bhal kull tfajla tampara, l-prospett li tghix hajja ordinarja bhala tfajla komuni u timxi fit-triq u hadd ma jhares lejha;

2.4 Illi ghalhekk hija ser tikkuntesta dan l-Appell bis-sahha kollha taghha, ghax hija ghandha dritt bhall kull persuna ohra li tieqaf tghix hajjietha fil-progetazzjonijiet li haddiehor (qabel ommha u issa l-Avukat Generali) iddecieda li jaghmel ghaliha.

2.5 Illi dan l-Appell huwa tentattiv iehor sabiex il-verzjoni mistura tal-imputata tigi mohbija, mmanipulata, mkebbsa bid-dubji u pressjoni li hi tant sfat vittma taghhom sa minn meta kienet ghadha tifla;

2.6 Illi llum, l-appellata magorenni, matura, konxja, riformata qieghda quddiem din il-Qorti tal-Appell sabiex tiddefendi l-verita u cioe l-amissjoni taghha, li hi ghandha, kellha u ha jkollha dejjem dritt izzomm maghha – dritt li l-ebda procedura, u ebda istituzzjoni jew persuna mhu ser johdilha jew jipprova jintimida li tiddefendi;

2.7 Illi l-fatti kif deskritti mill-Avukat Generali – sabiex b'xi mod jipprova jsejjes u jsahhah l-aggravju tieghu li b'xi mod l-ammissjoni tal-appellata ma kienitx 'cara, volontarja u inkondizzjonata' hija (i) inezatta (ii) nieqsa mill-kronologija koretta (iii) manipulata.

2.8 Dak li gara quddiem l-ewwel Qorti kien fil-fatt is-segwenti u cioe:

(i) fl-ewwel dehra, l-appellata infurmat lil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati li hija kienet ser tammetti l-akkuzi migjuba kontriha u l-ewwel Qorti kienet issugeriet li jinghata differiment sabiex l-appellata, imputata, terggha tahsibha u tirrifletti dwar l-ammissjoni taghha;

(ii) Illi fit-tieni seduta, l-ewwel Qorti kienet giet rinfaccjata b'talba permezz ta' rikors mill-konsulent legali ta' omm l-appellata Lisa Marie Camilleri, fejn intalab sabiex psikjatra jinvista lil-appellata; Illi wara trattazzjoni intensiva, l-ewwel Qorti cahdet din it-talba;

(iii) Illi sussegwentement sar sahansitra Pre-sentencing Report, u dan wara li Leanne Camilleri u cioe l-appellata tkellmet mal-espert mahtur mill-Qorti; giet registrata ukoll l-ammissjoni wara li nghata d-differiment imsemmi aktar il-fuq u dan wara li ghaddew it-termini fuq deskritti;

(iv) Illi sussegwentement inghata differiment ghas-sentenza;

2.9 Illi ghalhekk, l-appellata hi sorpriza b'dan l-Appell, li sar minn parti li, ghalkemm ghandha dritt tappella minhabba n-natura tal-akkuzi migbjuba fil-konfront tal-appellata, bir-rispett kollhu (i) la kienet parti minn dawk il-proceduri u zgur li (ii) ma setghetx tezamina o meno tifhem jekk tassew l-ammissjoni tal-appellata kienitx cara. Volontarja u ikondizzjonata;

2.10 Illi l-allegati nuqqasijiet li qieghed jipprova jirrileva u jqajjem l-Avukat Generali huma minghajr bazi peress li l-ewwel Qorti kellha d-diskrezzjoni kollha li taghraf il-kwalitajiet u n-natura ta' dik l-ammissjoni tal-Appellata – xi haga li b'ghaqal u kawtela kbira, minhabba forsi n-natura tal-kaz li nghata hafna vent u importanza mil-media, kellha taghmel aktar minn qatt qabel – u lanqas accettat l-ewwel ammissjoni tal-Appellata.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, skont l-Artikolu 392A(3) tal-Kap9, id-diskrezzjoni dwar jekk ghandhiex tigi accettata jew le l-ammissjoni ta' l-imputat hija mhollia mil-Ligi lill-Magistrati li jkun qed jippresjedi, u l-Avukat Generali m'ghandux dritt jinterferixxi fl-esercizzju ta' tali diskrezzjoni.

3.1 Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, skont l-Artikolu 392A(3) tal-Kap9, id-diskrezzjoni dwar jekk ghandhiex tigi accettata jew le l-ammissjoni ta' l-imputat hija mhollia mil-Ligi lill-Magistrati li jkun qed jippresjedi, u l-Avukat Generali m'ghandux dritt jinterferixxi fl-esercizzju ta' tali diskrezzjoni.

3.2 Illi l-ewwel Qorti kienet komda u moralment konvinta dwar l-ammissjoni tal-appellata, u ma jistax l-Appellanti jippretendi li jressaq dan l-Appell quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell bl-intiza li jipprova jiddeciedi hu jekk l-ammissjoni tal-Appellata kienitx wahda cara, volontarja u inkondizzjonata;

3.3 Illi l-appellant Avukat Generali lanqas biss ghandu s-setgha li b'xi mod jiddeciedi jew jezercita xi parti o meno f'dak li jirrigwarda d-decizjoni tal-Qorti meta tasal biex tilqa l-ammissjoni tal-Appellata – u allahares kellna naslu fi stadju fejn l-Appellant Avukat Generali ikollhu xi forma ta' lehen fejn jidhlu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392(A) (1) tal-Kapitolu 9, ghax kull ma jkun jonqsu hu li jibda jikteb is-sentenza u jitla jippresjedi s-seduti hu – xi haga li la l-legislatur ma jippermetti u li lanqas ma hi fl-ispirtu tal-ligi jew il-principji fondamentali tal-bniedem li jiggarantulu d-dritt ta' smiegh xieraq minn Tribunal indipendenti u imparzjali u li hu nieqes u hieles minn kull influwenza u minn kull possibilta ta' indhil minn ebda terz, ikun min ikun – aktar u aktar jekk dan ikun il-prosekutur;

3.4 GHALDAQSTANT l-appellata umilment tissottometti li in vista ta' dawn il-fatti, l-aggravju mressaq mill-Avukat Generali ghandu jigi michud;

4. Illi l-Aggravju tal-Avukat Generali huwa wiehed frivolu u vessatorju, nieqes minn kull bazi legali u msejjes fuq verzjoni invertiera tal-fatti.

4.1 Illi a skans ta' repetizzjoni, l-appellata tirreferi ghall dak gia sottomess aktar il-fuq f''din ir-risposta tal-Appell b'dana li hija umilment ser taghmel referenza ghall diversi sentenzi li llkoll issostnu u jsahhu l-principju li dan huwa appell frivolu, vessatorju, nieqes minn bazi fattwali, legali u li flimkien mal-proceduri gudizjarji li taghhom sfat vittma l-esponenti huma mmirati sabiex iraqqdu l-verita, xi haga li l-appellata llum ma ghadhiex lesta li tissokkombi ghaliha, izda li hi lesta li tiddefendi bhalma ghamlet quddiem l-ewwel Qorti;

4.2 Illi l-Appellata fil-fatt u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-Appell, umilment tissottometti li l-ammissjoni taghha hija wahda li (i) la kienet ikkunidizzjonata minn xejn, izda kienet biss wahda li fl-ahhar kellha l-kuragg taghmel wara li ghamlet zmien twil vittma ta' cirkostanzi li mmanipulawlha u fixklulha hajjitha bhala tifla, tfajla u mara ta' that fuq; (ii) kienet cara ghax l-ewwel Qorti sahansitra taghtha terminu sabiex tikkunsidra din l-ammissjoni, u fil-fatt din regghet giet konfermata fit-tieni seduta (iii) kienet volontarja, ghax saret minn jeddha, u hadd ma ezercita pressjoni fuqha, posizzjoni li ghall-appellata kienet wahda gdida, u dana peress li hi dejjem kienet kondizzjonata sabiex tirrakonta fatti ohrajn, u issa sabet ruhha f'cirkostanza, fejn setghet fl-ahhar tirrakonta, fil-maturita taghha, u bil-konoxennza kompleta taghha, u fil-volontarjeta kollha taghha – xejn hlief il-verita;

4.3 Illi l-Appell tal-Avukat Generali huwa priv minn Gurisprudenza, u r-raguni l-ghala hija cara, ghax din xejn ma tinkoraggixxi jew b'xi mod issahah l-aggravju tal-Appellanti, ghax dan abbli li huwa wiehed mill-ftit appelli li saru b'dan l-aggravju u aktar u aktar peress illi s-sentenzi jimmilitaw favur li dan l-Appell jigi respint u f'dan ir-rigward l-appellanti qieghda tikkwota s-segwenti sentenzi;

4.4 Fis-sentenza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Jannar tas-sena 1995, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Martin J Camilleri (Imhallef Vincent De Gaetano) gie ritenut li : Fuq ammissjoni ta` l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta` l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta` dik l-imputazzjoni jew li fuq minnu ammessi l-Qorti ma seghetx skond il-ligi tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta` reat.'

4.5 Illi skont sentenza ohra deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell ukoll prejeduta mill-Onorevoli Prim Imhallef Vincent De Gaetano fis-seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003 (Appell Kriminali Numru. 196/2002) fl-ismijiet Il-Pulizija v. Gary Grech et, gie ritenut is-segwenti u cioe: Issa, skond l-Artikolu 392A(1) il-Qorti tal-Magistrati ghandha tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 453(1). Skond l-Artikolu 453(1) jekk l-imputat jistqarr, bhala twegiba ghall-mistoqsija jekk iridx u xi jrid iwiegeb fuq l-akkuza, li hu hati skond l-imputazzjoni, il-qorti ghandha twissih b'mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u taghtih ftit ta' zmien biex jerga' lura minnha. Huwa biss jekk l-imputat jibqa' jtenni dik it-twegiba li l-qorti ghandha tordna li l-ammissjoni tigi registrata, u wara tghaddi biex taghti s-sentenza skond il-ligi. L-osservanza ta' dan ir-rit, li l-legislatur iqis

li hu importanti biex jigu salvagwardati d-drittijiet ta' l-akkuzati, ghandu jirrizulta mill-atti u senjatament mill-verbal ta' l-udjenza li fiha jkun sar l-ezami ta' l-imputat. Nuqqas ta` ottemperanza ma' dawn il-formalitajiet igib in-nullita` tas-sentenza.

4.6 Illi fl-istess sentenza l-Qorti rriteniet ukoll is-segwenti : 'Huwa veru li qorti m'ghandhiex, ghal kull haga ta' xejn, tordna pre-sentencing inquiry report, pero` huwa daqstant ukoll veru li s-servizzi, necessarjament limitati, li jista' jipprovdi d-Dipartiment tal-Probation ghandhom jigu utilizzati b'attenzjoni u selettivita`. Ghalhekk il-Qorti m`ghandiex tpoggi lil xi hadd fuq probation minghajr ma jkunu ingabu provi dwar il-htiega ta` dan'.

4.7 Illi huwa f'cirkostanzi biss bhal dawk tal-Appell Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004 Appell Kriminali Numru. 29/2004 Il-Pulizija vs Rainer Grima Fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet iddisponiet mill-appell billi annullat s-sentenza appellata bbazata fuq ammissjoni, u progsegwiet billi ddikjarat li 'ma ghandux jibqa' registrat fl-atti tal-process li l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tisma' l-kawza mill-gdid u tiddecidiha skond il-ligi.' – liema cirkustanzi kienu tali fejn l-appellant kien hu minn jheddu li appella sabiex jressaq l-aggravju tieghu li l-ammissjoni tieghu ma kellhiex tibqa tregi, u mhux bhal ma gara fil-kaz de quo fejn l-Avukat Generali qieghed jipproponi li l-ammissjoni tal-imputata ma kellhiex tintlaqa mill-ewwel Qorti.

4.8 Tajjeb hawn li ssir riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza deciza fis-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'din is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li limputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l- Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.'

4.9 Ghaldaqstant, in vista ta' dak li (i) tghid il-ligi (ii) tghid il-Gurisprudenza (iii) il-fatti tal-kaz (iv) il-mod kif l-ewwel Qorti semghet u trattat il-kaz (iv) is-sentenza moghtija (v) ic-cirkostanzi tal-kaz odjern, li l-appellata, filwaqt li umilment tirriserva li tressaq il-provi kollha permessibli f'dan l-istadju f'dan ir-rigward u in sostenn tas-sottomisjonijiet taghha,

umilment tissottometti li dan l-Appell ghandhu jigi michud;
Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati giet pronunzjata fit-18 ta' Settembru, 2014.

Illi l-appell tal-Avukat Generali gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru, 2015.

Illi din il-kawza tmexxiet mill-Pulizija u a bazi tal-artikolu 414(1) tal-Kodici Kriminali l-Pulizija kellha l-obbligu li bil-miktub hi kellha l-intenzjoni li tappella s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti.  Tali informazzjoni ghandha tinghata lill-Qorti tal-Magistarti li min-naha taghha hi obbligata li fi zmien tlett tijiem tax-xoghol tibghat l-atti tal-kawza u is-sentenza lill-Avukat Generali.

Illi din il-Qorti fliet l-atti ta' din il-kawza u min imkien ma jirrizulta li l-Pulizija wrew bil-miktub li huma kienu bi hsiebhom jappellaw.

Illi ghalhekk, fic-cirkostanzi l-appell tal-Avukat Generali huwa null.

Illi din il-Qorti bi skruplu grat l-appell tal-Avukat Generali u ir-risposta tal-avukata ta' l-appellata.  Din il-Qorti hi sorpriza hafna bil-mod kif tfassal dan l-appell fejn qed jigi nvokat l-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali.  L-ewwel Qorti kienet ferm kawta fl-accettazzjoni tal-ammissjoni tal-appellat u sahansitra talbet a pre-sentencing report u ghal aktar minn darba fi tlett seduti staqsiet lill-appellata jekk kinitx qed tikkonferma l-ammissjoni taghha.  Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ammissjoni tal-appellata kienet wahda hielsa u inkondizjonata. Frankament, din il-Qorti ma tistax tifhem l-argumentazzjoni tal-Avukat Generali. Kwalunkwe kumment iehor hu zejjed.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------